



Brussell, 2 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

9276/26

LIMITE

CORLX 465
CFSP/PESC 691
RELEX 656
MOG 100

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-Regolament (UE) 2023/1529 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil gruppi armati u entitajiet fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u tal-Baħar l-Aħmar kif ukoll l-azzjonijiet tal-Iran li jdgħajfu l-libertà tan-navigazzjoni fil-Lvant Nofsani

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...

ta' ...

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2023/1529 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil gruppi armati u entitajiet fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u tal-Baħar l-Aħmar kif ukoll l-azzjonijiet tal-Iran li jdgħajfu l-libertà tan-navigazzjoni fil-Lvant Nofsani

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/1529 tal-20 ta' Lulju 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil gruppi armati u entitajiet fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u tal-Baħar l-Aħmar kif ukoll l-azzjonijiet tal-Iran li jdgħajfu l-libertà tan-navigazzjoni fil-Lvant Nofsani¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 186, 25.7.2023, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1529/oj>.

Billi:

- (1) Fl-20 ta' Lulju 2023, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2023/1529.
- (2) Fit-22 ta' Mejju 2026, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2026/1157² li temenda d-Deċiżjoni(PESK) 2023/1532 li tippermetti l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u miżuri tal-iffriżar tal-assi kontra persuni responsabbli għal, li jappoġġaw, li jimplimentaw jew li jibbenefikaw minn, l-azzjonijiet jew il-politiki tal-Iran li jdgħajfu l-libertà tan-navigazzjoni fil-Lvant Nofsani.
- (3) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, jenħtieġ li żewġ persuni u entità waħda jiġu inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2023/1529.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2023/1529 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/1157 tat-22 ta' Mejju 2026 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil gruppi armati u entitajiet fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u l-Baħar l-Aħmar (ĠU L, 2026/1157, 26.5.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2026/1157/oj>).

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament (UE) 2023/1529 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

L-Anness III tar-Regolament (UE) 2023/1529 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrati li ġejjin jiżiedu taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi":

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall- identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
"25.	Mohammad AKBARZADEH	محمد اد برزاد (ortografija Farsi)	Pożizzjoni(jiet): Viċi Kmandant għall- Affarijiet Politiċi tal- Islamic Revolutionary Guard Corps Navy (il- Flotta Navali tal-Korp tal-Gwardjani tar- Rivoluzzjoni Iżlamika, IRGCN") Nazjonalità: Iranjana Sess: raġel	Mohammad Akbarzadeh huwa l-Viċi Kmandant għall-Affarijiet Politiċi tal-Flotta Navali tal-Islamic Revolutionary Guard Corps Navy (il-Flotta Navali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika, "IRGCN")) elenkata mill-UE u jaġixxi bħala l-kelliem għall-IRGCN. L-IRGCN timplimenta l-politiki tal-Iran li jdgħajfu l-libertà tan- navigazzjoni fl-Istrett ta' Hormuz billi tinforza sistema ta' pedaġġ fl-Istrett ta' Hormuz u billi thedded, tagħti fastidju u tattakka diversi bastimenti kummerċjali fl-Istrett ta' Hormuz. Fid- dikjarazzjonijiet tiegħu, Akbarzadeh jiddikjara li l-Iran għandu kontroll sħiħ fuq l-Istrett ta' Hormuz u jhedded li juża missili jew droni kontra bastimenti li jgħaddu mill-Istrett ta' Hormuz. Mohammad Akbarzadeh għalhekk jappoġġa u jimplementa l- azzjonijiet u l-politiki tal-Iran li jdgħajfu l-libertà tan- navigazzjoni fil-Lvant Nofsani.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall- identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elekar	Data tal- elekar
26.	Hamid HOSSEINI	حميد حسيني (ortografija Farsi)	Pożizzjoni(jiet): Kelliem għall-Unjoni tal-Esportaturi taż- Żejt, il-Gass u l- Prodotti Petrokimiċi tal-Iran. Nazjonalità: Iranjana Sess: raġel	<p>Hamid Hosseini huwa l-kelliem għall-Unjoni tal-Esportaturi taż-Żejt, il-Gass u l-Prodotti Petrokimiċi tal-Iran u membru tal-Kamra tal-Kummerċ tal-Iran.</p> <p>L-Unjoni tal-Esportaturi taż-Żejt, il-Gass u l-Prodotti Petrokimiċi tal-Iran hija assoċjazzjoni tal-industrija li l-membri tagħha huma kumpaniji involuti fil-produzzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti petroliferi, tal-gass u prodotti petrokimiċi. Il-Gvern Iranjan u l-Islamic Revolutionary Guards Corps huma involuti ferm fl-esportazzjonijiet taż-żejt tal-Iran.</p> <p>L-Iran implimenta politika li tirrikjedi li l-bastimenti li jgħaddu mill-Istrett ta' Hormuz jippreżentaw informazzjoni, jgħaddu minn valutazzjoni, u jħallsu tariffi ta' tranżitu lill-awtoritajiet Iranjani. Fil-kapaċità tiegħu bħala kelliem għall-Unjoni tal-Esportaturi taż-Żejt, il-Gass u l-Prodotti Petrokimiċi tal-Iran, Hosseini jispjega u jipromwovi din il-politika permezz ta' dikjarazzjonijiet fi strumenti tal-media internazzjonali u Iranjani.</p> <p>Hamid Hosseini għalhekk jappoġġa u jimplimenta l-azzjonijiet u l-politiki tal-Iran li jdgħajfu l-libertà tan-navigazzjoni fil-Lvant Nofsani."</p>	"";

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(2) l-entrata li ġejja tiżdied taħt l-intestatura "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi":

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni għall- identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
"27.	Kmand Provinċjali ta' Hormozgan tal-Flotta Navali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGCN)		Post tar-reġistrazzjoni: Iran	<p>Il-Kmand Provinċjali ta' Hormozgan tal-Flotta Navali tal-Korp tal-Gwardjani tar-Rivoluzzjoni Iżlamika (IRGCN) huwa subdiviżjoni tal-IRGCN li din tal-aħħar hija elenkata mill-UE. L-IRGCN ħadet il-kontroll tal-Istrett ta' Hormuz u implimentat sistema ta' pedaġġ fl-Istrett fejn il-bastimenti huma meħtieġa jipprovdu dokumentazzjoni ta' identifikazzjoni kif ukoll informazzjoni dwar il-merkanzija u d-destinazzjoni lil intermedjarji li mbagħad jgħaddu l-informazzjoni lill-Kmand Provinċjali ta' Hormozgan. Abbażi ta' din l-informazzjoni, il-Kmand Provinċjali ta' Hormozgan jiskrinja l-bastimenti u jiddetermina liema huma dawk li jitħallew jgħaddu mill-Istrett, xi drabi soġġett għall-ħlas ta' pedaġġ.</p> <p>Għalhekk, il-Kmand Provinċjali ta' Hormozgan tal-IRGCN jimplimenta l-azzjonijiet jew il-politiki tal-Iran li jdgħajfu l-libertà tan-navigazzjoni fil-Lvant Nofsani.</p>	+"

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.